San Pawl Il-Bahar

**Il- laqgħa Nru 30 tas-seba' Kunsill**
**saret nhar**
**l-erbgħa 19 ta' Gunju 2013 fil-5.30pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi**
Triq San Pawl,San Pawl il-Bahar,SPB 3411 - Malta

**Preżenti għal-Laqgħa:**

| | |
|---|---|
| Mario Salerno | Sindku |
| Alexander Bezzina | Vici Sindku |
| Graziella Galea | Kunsilliera |
| Raymond Tabone | Kunsillier |
| Peter Abela | Kunsillier |
| Anne Fenech | Kunsillera |
| Daniel Grima | Kunsillier |
| Jane Chircop | Kunsilliera |
| Carmel Hili | Kunsillier |
| Jason Camilleri | Kunsillier |
| Robert Piscopo | Kunsillier |

| | |
|---|---|
| Frans Chircop | Segr. Eżekuttiv |

**Skuzat/a:-**
John Bray u Mandy Buhagiar

**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgha.**

1 ***Qari u approvazzjoni tal-minuti.***

Il-minuti tal-laqgha precedenti numru 28 ittiehdu bhala moqrija u korretti peress li gew cirkulati minn qabel. Wara li l-minuti gew approvati unanimament u ma' kien hemm xejn *arising out*, dawn gew iffirmati mis-Sindku u mis-segretarju Ezekuttiv.

2 **Approvazzjoni tal-isked tal-hlasijiet.**

Giet approvata l-iskeda tal-hlasijiet, inkluz l-iskeda addizzjonali li giet mizjuda peress li dahlu izjed kontijiet wara l-iskeda li kienet intbghatet lill kunsilliera qabel il-laqgha. Il-kunsillier Peter Abela talab li l-kont tad-Datatrak b'referenza 4463 li jammonta ghall €131.59 ma' jithallas ghalissa sakem jigi ccarat u jinghataw aktar dettalji. Wara li kien hemm diversi punti li gew iccarati, kien hemm approvazzjoni tal-hlas tal-iskeda minn
3 kulhadd prezenti minbarra Graziella Galea, Robert Piscopo u Daniel Grima, Peter Abela li astjenew.

**Stqarrija tas-Sindku**

Is-Sindku beda biex qara l-istqarrija li gejja halli jigu approvati xi punti mqajma. L-istqarrija:-

28 ta' Gunju, 201

Stqarrija tas-Sindku bi proposti , spjegazzjoni u suggerimenti ta' xogholijiet

1. Il-management letter . Risposta u kjarifikazzjoni għandha tintbagħat lil Awditur fil-ħin , kif stipulat mir-regolamenti ta' Governanza Tajba. L-accountant ikkordinat mas-segretarju ezekuttiv ir-risposta . Qed ikun mehmuz kopja tar-risposta . F
4 wahda mill-kummenti tal-ittra hija l-allowance tal-kunsilliera. L-awditjar jesigi li jkun hemm hlas tal-allowance meta jkun hemm l-assentjar . Ghalhekk qed nitlob lil kunsilliera biex dawk li kienu jigu skuzati minhabba impenji jew ragunijiet personali sabiex jaghtu l-ittri lis-segretarju ezekuttiv biex l-ewwelnett ikun b' mod formali skuzati u jkun hemm evidenza ta' dan bil-kitba waqt li jkollhom kull dritt ghal full entitlement ghall-allowance tal-kunsilliera. Tajjeb li nistqarr li l-kunsilliera qeghdin jaghmlu sagrificju , jonqfu flus fuq telefonati u uzu tal- vetturi taghhom biex jaqdu lir-residenti u mhux fair li ta ' xogholhom ma jkunux apprezzati . Ghalhekk jekk taqblu , naghmlu talba ufficjali lil assocjazzjoni tal-kunsilliera sabiex l-allowances tal-kunsilliera jizdiedu biex jirreflettu verament l-infieq li qeghdin jaghmlu biex jonoraw il-hidma volontarja fil-kommunita.
2. Anomaliji ta' titular ta' postijiet . Matul l-aħħar xhur , kelli nkun naf li l-latrina tas-Sirens li qamet xi 200,000 ewros , liema spiza tħallset mill-fondi tal- kunsill lokali , kellha problema fil-kontrabejt . Saret ħsara fis-saqaf għax il-kontrabejt kien ħazin , waqt li l-post kien mudlam u umduz , mingħajr ventilazzjoni ta' xejn. Wara evalwazzjoni tal-ħsarat , ġie stabilit li tissewwa' l-ħsara , jinfetħu twieqi fil-latrina , jsiru aperturi u tintalab il-kirja lil Lands Department biex il-qagħda li l-kunsill lokali jimmanigja l-latrina tkun normalizzata. Latrina oħra , din id-darba fil-pjazza ta' Bugibba , fejn il-latrina kienet mgħoddija lil xi terzi , ġiet abbandunata u mkissra u abbuzata . Waqt li din il-latrina kienet out of use , il-kunsill lokali daħal għal spiza

biex jinkrew mobile toilets , liema sitwazzjoni ma kienet xejn pjaċevoli . Tajjeb li ngħidu li grazzi għall-inizjattiva tas-segretarju ezekuttiv , mexa x-xogħol sewwa fuq dawn il-latrini. Naturalment , it-traskuragni fuq iz-zewġ latrini swiet mijiet ta' ewros lil kunsill lokali.

3. Matul ix-xhur li għaddew , kellna nitilgħu l-qorti fuq kawzi li ilhom pendenti xi snin. Fix-xhieda li tirrigwardja l-incident tal-Fra Ben Party kif ukoll fin-nuqqas ta' ħrug għal Flower Kiosk , il-kunsill lokali għadu ma jafx fejn qiegħed qabel ma jinqataw is-sentenzi tal- qrati . Li hareg mix-xhieda huwa li fil-kaz ta' dik il-persuna li wegghet meta waqa' xi apparat fuqha meta hija kienet qaghda kemm xtratt il-biljett ghall – party, li waqt li l-kunsill kien iqabbad lil organizzatur biex jorganizza l-party , il-kunsill kien jinghata lista ta' xogholijiet mill-organizzatur biex jippreparahom imma l-kunsill kien jinghata biss donazzjoni mill-organizzatur. Dan il-process legali ghadu sejjer . Fil-kaz l-iehor li nhariglu permess mid-dipartiment tal-artijiet biex jaghmel flower kiosk , jiena tennejt fil-qorti li l-aqwa ligi hija l-kostituzzjoni li taghti s-setgha lil kunsill lokali li jagixxi bhala awtorita , liema awtorita mhux inferjuri ghall-awtoritajiet ohra , imma wkoll mhux biss ma harigtx permess biex jinbena l-kiosk fil-pjazza li hija l-unika pulmun f' Bugibba imma l-kunsill offra siti alternativi lil appellant biex jinqeda b' mod li ma jaghmilx hsara lil kommunita. Din il-kawza giet differita ghal dicembru u fl-istess hin , ikun hemm diskussjoni bejnietna biex jinghata sit li jkun ferhan il-florista. Intant fuq l-aspett legali , tajjeb li tkunu tafu li il-kunsill qed jircievi diversi claims minn sewwieqa ta' karrozzi għax allegaw li ġarbu ħsarat fil- vetturi tagħhom minħabba xi toqob fit-toroq . Dawn il-claims / talbiet ingħaddew lil avukat tal-kunsill sabiex imexxina huwa. Ukoll kien hemm tennija ta' parir mingħand l-avukati fuq appelli ta' kawzi li jirrigwardjaw kemm it-tender tal-bankini kif ukoll it-tender tas-soft areas. Naturalment , is-segretarju ezekuttiv mexa kif kien irrikmandat mill-avukat . Rigward it-tender tas-soft areas , il-bord issuggerixxa li z-zoni jinghattaw lil dawk li offrew l-irhas . Ghalhekk iz-zoni se jkunu ikkultivati minn ELC f' Burmarrad , Martin Muscat u Salvu Mifsud fiz-zoni l-ohra . l-importanti li dawn jifhmu li ma jistghux juzaw weedkiller bhal roundup fil-landscaping u jhawwlu pjanti indigeni u endemici .B' hekk nirrespettaw l-aspett ekologiku tal-lokalita u b'mannigg sostenibli se nikkultivaw u nindukraw is-soft areas tal-lokalita.

4. On account itemized projection . Billi l-infrastruttura teħtieġ manteniment kontinwu specjalment f' toroq li jkollhom ħsarat , li joħolqu xi tip ta' periklu għall-poplu , jeħtieġu tiswijiet urġenti. Għalhekk fic-cirkustanzi kollha , inpoġġu on account minn kull allokazzjoni għal ħlas ta' patching , irranġar ta' sign posts fil-qasam tal-manniġġ tat-traffiku , irranġar ta' bankini u xi xogħol ieħor fir-rutina tal-manniġġ tat-traffiku. Għandu jitwarrab 25,000 ewro minn kull l-allokazzjoni bħala itemized account sabiex jitħallsu fuq running expenditure account il-kuntratturi. Din l-itemized account tgħin biex ikun hemm aktar kontroll fuq l-infieq ta' xogħolijiet .

5. It-triq Gulju – waħda mit-toroq li kienet imkissra ferm aktar minn kullinkwa triq se titħallas taħt l-account tal- PPP. Il-programm tal-PPP iffaċċa diffikulta meta l-kuntrattur ltaqa' ma diffikulta fuq zjieda tad-diesel u t-tarmak, w għalhekk , kien meħtieġ biex tinstab soluzzjoni , saret laqgħa fejn kien proponut li fuq il-ġnub tat-toroq li jgħodd għall-parkeġġ jinkesa bil-konkrijt waqt li fil-karreggiata li tgħaddi minnha l-karrozzi tkun mogħdija bit-tarmak. Is-somma miftehma u kkuntrattata taħt il-PPP tibqa' dik li hi. Is-segretarju ezekuttiv ta l-ismijiet tat-toroq lil kuntrattur u lil perit inkarigat minn dan il-programm sabiex tinżamm il-ħidma u l-impenn li f' kull

xahar issir triq fil-lokalita. Li kieku l-kunsill flok nefaq eluf fuq tiswijiet ta' resurfacing fuq din it-triq , wettaq rikostruzzjoni fuq Triq Gulju , zgur li kien johrog bil-ferm hafna irhas xi sentejn ilu meta l-kuntratt tal-ppp kien miftiehem. Barra dan il-programm tal-ppp one ,hemm sensiela ta' toroq taht ppp two li l-kuntrattur Bonnici ghadu joggezzjona li l-kunsill lokali messu wettaq ix-xogholijiet sentejn ilu ghax minn dak in-nhar l-hawn it-tarmak u d-diesel oghla bil-konsegwenza li se jitlef minn dan il-progett. Huwa qal li tlett snin ilu Triq Il-Qarbuni li kienet ordnata biex issir , saret u imbaghad qam xi disgwid fil-kunsill hija wahda minn dawn it-toroq tal-ppp u li huwa ghadu jippretendi li jithallas ghalkemm saret taht il-legislazzjoni ta' qabel. Din it-triq hija ccertifikata mill-perit u se tkun parti minn din l-iskema . Huwa importanti li dan il-progett tal-ppp two jinghalaq fl-interess taz-zewg nahat. Ta sodisfazzjoni ghar-residenti huwa li triq Gulju infethet ghat-traffiku u nghogbot hafna. Waqt ix-xhur tas-sajf , il-kunsill lokali jried jahdem fuq il-fondi tal- UIF li minhomm se nibnu l-playing field tat-Thessalejnin kif ukoll nriedu nadhmu fuq il-gnien biswet il-bocci klab. Se jkun hemm qsim ta' hlas mill-UIF b' dan il-mod – fejn l-ewwel fazi tkoppri Civil Works u imbaghad jkun hemm il-playing field u l-gnien. Dejjem fuq xoghol infrastrutturali se nahdmu biex ikollna latrini fis-Sementa u fil-ponta Tal-Fekruna li huma zoni popolari hafna fis-sajf . Dawn tlabt li jsiru mill-gvern centrali . Ukoll qed nitlob biex issiru xogholijiet ta' leisure park bi skate u bike park fil-Qawra hdejn l-ex Go unit. Naturalment , dan se jkun konformi ma standards li d-dipartiment governativ mmexxi mill-On Ministru Joe Mizzi se jwettaq.

6. Fil-qasam tal- kultura , il-kunsill lokali rega' ta ħajja Jum San Pawl il-Bahar li saret fil-qalba ta' San Pawl il- Baħar. Huwa importanti li r-residenti jħossuhom parti integrali mill-lokalita u dan l-avveniment għandu jittella' kull sena fil-bidu tal-istaġun tas-sajf fejn jinfetaħ l-istaġun maritimu u l-ħajja fuq il-kosta titrewwaħ . Skejjel magħluqin u l-famiji jitkaxkru lejn il-villegjatura , is-sajjieda jippreparaw ghas-sajda , il-pleasure boats jġorru t-turisti , l-ħwienet jippreparaw għall-influss qawwi tan-nies li jzuru l-lokalita. Il-ħajja kontemporanja hija kontinwita mal-avvenimenti storici li seħħew f' din il-lokalita , liema l-għeruq storiku ħalla l-imprint tiegħu fuq il-kosta. U hawn nixtieq nirringrazzja lil voluntiera , lil kappillani tat-tlett parrocci li ccellebraw il-quddiesa b' suffracju ta' Fr Joe , lil kantanti tal-lokalita li kantaw , il-kantanti russi li kienu lebsin ilbies folkloristiku , u lil kull min ta' sehem sa l-ickenn tifel u tifla tal-iskola primarja li ppartecipaw bit-tpingija , Max Farrugia , Fr Eugen , John Portelli , l-bandisti etc etc biex l-ewwel attivita ta' Jum San Pawl il- Bahar irnexxa. Nispera li s-sena ddiehla jkun hemm partecipazzjoni ahjar mill-kunsilliera . Dejjem fuq il-kultura nixtieq ninfurmakom li l-Gieh San Pawl il-Bahar inghata lil Tony Camillieri l-Bayzu u saret cerimonja qasira u helwa li attendew ghaliha bosta ministri , kunsilliera u kantanti l-hbieb tal-Bayzu. Jekk Alla jried il-Kumitat tal-Kultura li jiena wkoll huwa membru fuq il-bord , iddiskutejna kemm il-drabi l-monument tan- nawfragju ta' San Pawl u huwa importanti li biex nevitaw kull kwistjoni poltika , dan il-monument jsir mill-Kumitat tal-Kultura li ghandu gheruq b' sahhithom wara li twaqqaf tlieta u tlettin sena ilu. Ghalhekk , jiena nipproponi li l-kunsill lokali jibqa' jghin lil kumitat sabiex dan jigbor is-somma tal-monument . Fund Raising Group ghandu jitwaqqaf biex jigbor il-flus u l-holma tal-pawlin issir rejalta. Dejjem fil-qasam tal-kultura , tajjeb li nfakkarkom li l-ftehim li l-kunsill lokali kien ghamel mal-Kumitat festi biex jingiebu l-Queen Tribute Band se jsir rejalta . Ahna konna bqajna maghhom li dawn jigu fit-tlettax ta' lulju u jdoqqu hdejn it-Torri Wignacourt , imma bil-mewt tal-kappillan , dan il-kuncert mhux se jsir f' San Pawl

imma se jsir fil-Qawra. Hawnhekk sibna l-appogg finanzjarju ta' xi lukandi u tal-privat li se jikkontribwixxi xi 4000 ewro. Il-kumplament tal-ispiza tingarr mill-kunsill lokali li permezz ta' dan il-kuncert se jaghti spettaklu u joffri wiehed mill-aqwa attivita kulturali fil-lokalita . Barra dan il-kuncert , il-kunsill gab wkoll sponsorhips minn MTA u d-Dipartiment tal-Kultura l-hlas kollu ghall-organizzazzjoni tal-Karnival tas-sajf li se jsir fl-ahhar gimgha t' Awwissu. Ukoll fuq skala zghira se jkun hemm attivitajiet muzikali bil-partecipazzjoni tal-pulizija fil-pjazza ta' bugibba. U tajjeb wkoll nsemmu li fil-laqgha li kellna mal-kummisarju l-gdid tal-pulizija li attenda mieghi l-kunsiller Jason Camillleri , bqajna li fl-gheluq tal-anniversarju tal-pulizija , is-sena ddiehla se jkollna hafna attivitajiet organizzati minnhom. Intant ahna nistghu norgannizzaw attivitajiet zghar sal-ahhar tas-sena .

7. Fil-qasam edukattiv – kien hemm impenn qawwi fuq il-proġett tal-ESF fejn kien hemm tnieda tal-korsijet fil-qasam turistiku. Dan il-programm huwa taht il-harsien tal-PPCD . Progett ieħor li jaqa' taħt il-mizura 323 tal-EAFRD huwa l-heritage trail fejn se jsiru visual screens u sign posts . ukoll dejjem taht l-EAFRD , hemm progett iehor taht il-mizura 125 sabiex xi sqaqin jinghattaw il-konkos . Tajjeb li nghid , li kieku ma konniex aħna li ppersistejna biex dawn il-progetti jitkomplew , kieku zgur dawn il-progetti kienu jaqgħu . Barra minn hekk , kien hemm preparazzjoni għal korsijiet ta' filghaxija li se jsiru fl-iskola primarja fil-bidu skolastiku . Ukoll , kien hemm laqgha fuq is-sigurta fl-ibħra sabiex titqajjem aktar kuxjenza fuq din it-tema. Din kienet ikkordinata mal-klabb tas-Sirens Waterpolo Club. Se jkun hemm tkomplija ta' dawn il-laqghat biex inferxu aktar għarfien ta' sigurta fuq il-baħar .
8. Burmarrad u l-konfini. Ghandu jkun hemm pressjoni fuq riforma tal-konfini ta' Burmarrad. Tajjeb li nghidu , li jiena personalment rajt u immoniterjajt xogholijiet ta' tindif , knis , qtugh ta' haxix , zebgha u linji ta' parkegg , liema xogholijiet ilhom jistennew is-snin. Qlajna z-zurzieqa li kienet perikoluza u se nwahhlu zurzieqa gdida waqt li l-playing field se jkun konformi mal-istandards tal- MMCCAA. Il-livel iried ikun para ma dak is-sit ta' quddiem l-iskola primarja fejn matul ix-xhur li gejjien se jitpogga l-furniture u l-items tal-playing field fuq il-klabb tal- bocci tat-Tellasejnin .
9. Postijiet devoluti – il-kunsill għandu bzonn l-għajnuna tal- gvern centrali biex ilaħħaq mal-esigenzi u l-ħtieġijiet tal-poplu w għalhekk se jkompli jirsisti biex postijiet ikunu devoluti biex jintuzaw għall-kommunita. Ma għandux ikun eskluz progetti ma dipartimenti governativi bhal dak li sar hdejn it-torri ta' Wignacourt bejn l-MTA u l-kunsill lokali. Fuq l-istess prassi se nkomplu nimxu u nħarsu l-quddiem. Tajjeb li nghidu wkoll li sar progress fil-progett tal- akwarjum fejn fl-ahhar ta' settembru , l-izvilluppatur se jibni l-isbah u l-aqwa playing field fil-pjazza San Paolo li se tkun miftuha 24 siegha kuljum ghall-pubbliku b' xejn. Dan huwa mezz ta' Social Corporate responsability li ahna bhala kunsill lokali qeghdin nwettqu anke mas-settur privat fejn fosthom huwa ta' pjacir li ahna komplejna fuq xoghol mibdi minn ta' qabilna billi irrangajna xi lampi fi spazji pubblici bhalma huwa quddiem il-lukanda Santana u wara l-lukanda Dolmen. Dawn se jkunu accessibli ghall-pubbliku u se jitgawdew mill-pubbliku. Ghandna bil-miktub li nistghu nuzawh bhala pubbliku .
10. Natura 2000- inriedu naraw x' fondi jinġiebu biex inħarsu dawn l-erba' siti naturali . matul il-gimgha l-ohra , saru diskussjonijiet interessanti fuq is-siti naturali . qam l-

interess kemm fil-Wardija kif ukoll fil-kunsill lokali taghna fejn saru d-diskussjoniiet mar-ricerkarturi li qeghdin jaghmlu ricerka fuq l-aqwa mannigg ta' dawn is-siti.

11. Matul dan l-ahhar xahar sar hafna xoghol ta' furniture matul ix-xatt tal-qawra , hart tal-gonna , zbir u bexx kontra l-bumunqar tal-palm , rifriskar tal-linji li thassru , qtugh ta' haxix minn fuq il-bankini b'mod manwali u waqqafna l-uzu tal- weedkiller ir-roundup.
12. Irrangajna u nadafna spazji bhal ex Go site , quddiem is-Santana Hotel , ex Mistra Village fejn zbarna u nehhejna hmieg akkumulat is-snin. Jiena qed indur fejn jitnaddaf , jinkines u jsiru xogholijiet fil-lokalita , fejn f' bosta drabi gbid l-attenzjoni lejn il-kuntratturi u kif ukoll lil perit biex jimmonitorja u jispezzjona xogholijiet ta' patching , rikostruzzjoni ta' toroq w ohrajn.
13. Ippartecipajt fil-quddiesa ta' Fr Arthur il-kappillan il-gdid li ha l-pussess tal-parrocca ta' San Pawl il-Bahar.
14. Matul is-sajf u l-istaguni li gejjien se nahdmu ma ghalliema u ma diversi ghaqdiet fosthom sportivi u kulturali biex ikun hemm taghlim fuq il-muzika bil-gitarri , water polo u ghawn , futbol u kant minn Queens Tribute Band. Naturalment , dawn l-ghaqdiet li joffru taghlim lil tfal u zghazagh tal-lokalia jinghataw l-ghajnuna finanjzarja b' ordni diretta li ma taqbizx is-somma ta' 1,130 ewros. Ghal kuncert tal-Queens li se jsir fit-13 ta' Lulju, 13 , il-kunsill kien tkellem qabel biex igieb dan il-grupp imma minhabba l-mewt tal-kappillan ma setax ikun ippjannat li jsir hdejn it-Torri ta' Wignacourt. Minflok se jsir il-Qawra , u ga hemm sponsors mill-Qawra Palace Hotel , Suncrest u ohrajn. Il-Vici sindku Alex qed jikkordina din il-hidma.
15. Dejjem fuq attivitajiet , il-KAB qed tahseb biex itella' l-Festa tal- Bdiewa f' Burmarrad waqt li wkoll fis-sajf se jkun hemm il- Festival tal- Hut li se jittella bejn il-kunsill lokali , is-sajjieda u d-dipartiment tas-sajd. Il-kunsill se jorganizza Welcome Holidays Fest is-sibt 29 ta' Junju , 2013 u se norganizzaw fl-4 ta' Lullju – Dar l-Umanita f' Burmarrad . Fit-tlettat ta' lulju Queen Tribute u fl-20 ta' Lulju Barbque f' Ghawdex.
16. Bhala assi tal-kunsill lokali tajjeb li llum naraw kif id-depreciation tal-items ikunu indirizzati .
17. Fuq il-wifi u l-website tal-kunsill nriedu nahdmu aktar . Nitlob lis-segretarju ezekuttiv biex iqabbad lil xi hadd jmexxi l-website waqt li huwa jikkoncentra aktar fuq l-amministrazzjoni fl-ufficju imma wkoll nriedu mpjieg ta' handyman iehor biex norganizzaw ahjar it-team tal-handymen taghna fejn hadmu hafna u bis-sahha ta' kulhadd tellajna volum qawwi tax-xoghol matul din is-sena. Jekk ikollna handyman li tibqa' spalla ma spalla ma Sergio , Marco jkun jista' jispezzjona z-zamma tal-latrini , manteniment tas-soft areas , il-knis u l-gbir tal-iskart , xoghol infrastrutturali u xoghol iehor relatat mal-lokalita.
18. Is-sajf ghadu fil-bidu tieghu u l-influss tar-residenti qed ihalli l-impatti fuq il-konsum bil-konsegwenza li l-iskart sploda . Hemm bzonn ta' special fund biex naghmlu tajjeb ghal din iz-zjieda tar-residenti matul is-sajf. Tajjeb li nghidu li Greenmt qed tiehu l-kartun migbur mill-lokalita u ghal dan qed taghmel tajjeb billi thallas ghal servizz ta' hasil fuq il-promenade . Dan qed jikkumplimenta hasil li qed issir mill-Cleansing Dept tal- Gvern li qed jiehu hsieb mill-iskola primarja sal-Gillieru . Allura ghal din is-sena qed nahslu minn l-iskola primarja sal-lukanda Suncrest.
19. Il-bins fil-promenade qdiemu u zzaddu. Fl-ahhar tas-sajf nriedu nohorgu tender ghal bins godda sabiex dawn jizzanznu fir-rebbiegha. Ukoll matul il-promenade ,

se jkun hemm flora maltija li bhal fis-soft areas tehtieg ftit ilma imma zabra kif suppost.

20. Fil-pjazza ta'Bugibba , kellna complaints minn persuni li juzaw it-telefowns li ma ghandhomx privacy meta jcemplu ghax l-imwejjed tal-ikel huma tant vicin taghhom. Ghalhekk ktibna lil Go biex dawn jitpoggew fil-bus stop mhux uzatt hdejn il-bank HSBC. Dejjem fil-pjazza , hemm talba biex titpogga bicca hassiela fuq il-gazebos biex ittaffi r-raggi tax-xemx fuq il-mijiet ta' anzjani li jpoggu hemmhekk. Inqalghu wkoll xi tlett bankijiet minn hdejn il-Miracles fuq ilment li l-art hija privata imma tajt instructions biex dawn il-bankijiet jergghu jitpoggew fil-wiesgha tal-pjazza.
21. Fil-jiem li gejjien se nistiednu lil kappillan il-gdid Fr Arthur biex jiltaqa' mal-kunsilliera u l-istaff. Tajjeb li nghidu li ghandna relazzjoni tajba mat-tlett parrocci fejn nistghu naghmlu hafna gid lil dawk il-persuni li ghandhom bzonn l-ghajnuna socjali. Ghad issib persuni bla saqaf u ma naghmlux hazin li niltaqghu mal-ministru tal-politka socjali biex flimkien nsibu zewg kmamar f' xi lukanda sabiex meta persuna ssib ruhha barra t-triq , flok tkun mahqura aktar issib saqaf li jigbora. Fuq din it-tema nistghu nesploraw x' tip ta' ghajnuna nistghu naghtu . naturalment ninvolvu dejjem il-parrocci f' dan il-qasam socjali aparti wkoll l-appogg qawwi li dejjem naghtu lil kappillani biex imexxu l-festi religjuzi .

**Hlas tal-onorarja.**

Is-Sindku gibed l-attenzjoni li fill-management letter kien hemm indikat li skond il-memo mahruga mid-dipartiment m'ghandux jithallas l-ammont tal-onorarja lill Kunsilliera jekk dawn jonqsu milli jibghatu lis-segretarju ezekuttiv ittra jew emejl li ma' jistghux jattendu. Ghaldaqstant talab lill kulhadd biex jimxi skont l-istruzzjonijiet. Huwa ressaq il-proposta li ghalkemm kien hemm xi nuqqasijiet min xi whud mill-kunsilliera li ma' setghux jattendu,b'raguni valida dawn jinataw l-onorarja shiha. L-Kunsillier Peter Abela qal li l-kunsilliera gew mahtura biex iservu lin-nies u mhux ghall-onorarja. Filwaqt li s-Sindku rega' gibel l-attenzjoni biex kulhadd jibghat emejl jekk jonqos milli jattendi xi laqgha, kien hemm qbil unanimu li l-onorarja tithallas kollha lill kunsilliera, basta jikkonfermaw bil-miktub ragunijiet validi.

**Management letter.**

Is-segretarju ezekuttiv spjega u qara partijiet mill-management letter lit rid tintbghat lid-dipartiment. Huwa gibed l-attenzjoni ghall diversi punti, fosthom is-suggeriment li jinghata lura l-ammont li l-iskrivani tal-kunsill kienu inghataw bhala zieda (zewg increment- fuq rakkomandazzjoni u approvazzjoni f'seduta tal-Kunsill stess). Saret diskussjoni u gie deciz li niehdu parir minghand l-avukat, biex jekk jghati l-kas li l-flus fiz-zieda li kienet inghatat trig tigi rifonduta, din ma tibqax takkumula. Ghaldaqstant ghanda tinkiteb ittra lill avukat tal-kunsill biex niehdu parir fuq dan. Ir-risposta tal-management letter giet approvata unanimament.

**Toroq godda that l-iskema tal-PP2**

Is-Sindku Mario Salerno spjega lill Kunsill li l-kuntrattur Bonnici Bros talab li jekk jinghata permess biex jibda t-toroq huwa jithallas 60% u mhux kif kien originarjament miftihem fil-kuntratt li suppost beda s-sena l-ohra. Billi ghadda z-zmien u l-istess xoghol suppost ilu li

nbeda, gie maqbul li tinkiteb ittra ghall-approvazzjoni lid-dipartimennt biex ninghataw din l-approvazzjoni. Dan ifisser li billi ntilfet sena, jkun irkuprat il-persentagg kif stipulate mal-perjodu miftiehem.

**Xogholijiet mill Kunsill.**

Wara li s-Sindku ta' spjegazzjoni shiha tad-diversi xogholijiet li saru mill-kunsill dan l-ahhar xahar fejn fost l-ohrajn tkompla l-programm tal-patching fit-toroq, saru dwal godda fi Triq it-Turisti gewwa l-qawra, qtugh ta' haxix, giet irrangata l-pompa tal-funtana gewwa Burmarrad, sar tindif fejn il-bring in-site faccata tal- Hotel Santana, inbena l-hajt li kien twaqqa wara accident tat-traffiku l-fuq minn Bella Vista Hotel u diversi xogholijet ohra. Huwa kompla jghid ukoll li kif il- Kunsill jiehu hsieb il-manteniment tal-pjazza li kif jaf kulhadd parti sostanzjali tal-pjazza ta' Bugibba hija art privata, hekk sar fil gnien ta' wara Dolmen hotel. Ghalkemm dan il-gnien huwa mibni fuq art privata u billi hemm access ghall-pubbliku, dan kien gie abbandunat matul iz-zmien u kien qed iservi ta' periklu kbir ghat-tfal tal-lokalita. Kien ghalhekk li l-Kunsill ha decizjoni biex dan il-periklu jitnehha minnufih u jerga' jinghata l-hajja bi program ta' manutenzjoni kif jixraq lill post daqshekk centrali gewwa l-Qawra.

Il-Kunsilliera Anne Fenech u Graziella Galea staqsew ghaliex inqalghu bankijiiet li kien hemm il-pjazza. Is-Sindku spjega li dawn il-bankijiet ser jehlu n-naha tal-Pizza Hut.

**Sospensjoni tal-laqgha.**

Billi kien hemm resident li qabel il-laqgha wera x-xewqa li jispjega xi haga lill Kunsill, is-sindku talab sospensjoni tal-laqgha (Hln tas-sospensjoni kien 1820 u kompliet 1827).biex is-sinjur Leli Vella jispjega ghaliex ma' kienx issottometta l-bid bond mat-tender li kien ghamel ghall-kiri ta' garaxx.

**Approvazzjoni tat-tenders.**

*It-tenders gew approvati unanimament mill Kunsill kif gej:-*

No SPBLC 19 – Str. Lighting –MICA MED LTd (l-unika tender li kienet giet sottomessa)

No SPBLC 20- Christmas Decorations – David Tanti (L-orhos tender li giet sottomessa skont il-BOQ's mitluba)

No SPBLC 21- Decorative tree lights – David Tanti (L-orhos tender li giet sottomessa skont il-BOQ's mitluba)

No SPBLC 22- Legal Consultancy – Dr Larry Formosa (L-orhos tender li giet sottomessa skont il-BOQ's mitluba).

No SPBLC 23 Leasing of Garage to be used as a Gym (L-ebda tender ma' giet accettata ghax kienu gholjin).

Billi kien hemm sejha ghall expression of Interest ghall EU desk u gew sottomessi tnejn, fuq parir tal-bord tal-aggudikazzjoni, peress li attwalment m'hemmx il-hsieb li jintuza dan is-servizz, gie deciz li ma' jintghazel hadd. Jekk il-quddiem il-Kunsill ihoss il-htiega ghall tali servizz, dawn jigu kunsidrati skont il-progett li l-Kunsill ikun ser jidhol ghalih u naturalment jintghazel l-irhas.

***Disposal of fixed assets.***
Giet imresqa lista ta' affarijiet li kien ilhom ma' jahdmux biex jigu ikkunsidrati bhala *obsolete items* – b'hekk jitnehhew minn fuq il-kotba tal-accounts. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

**Budget rivedut.**
Billi kien hemm tibdil fl-allokazzjoni tal-Kunsill gie rivedut il-budget u ghadlaqstant gie sottomess ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-segretarju ezekuttiv ta' spjegazzjoni ta' x'kien inbidel u tressaq ghall-approvazzjoni tal-kunsilliera. Dan gie approvat unanimament.

**Belisha lights ta' fejn l-Ghassa tal-Qawra.**
Ingibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Belisha lights tal-Qawra – ghalkemm kien ghadhom kemm issewwew mill-kuntrattur tal-Kunsill, xorta wahda ma' xeghelux. Dan ghall fatt li l-main switch tal-istess sistema tad-dawl jinsab fil-kamra li hija propjeta tal-Arriva, wara li giet devoluta lilhom. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li l-istess kuntrattur jghamel ix-xoghol necessarju biex il-kaxxa tad-dawl li jhaddem din is-sistema tinhareg fuq barra tal-kamra u tehel mall-hajt. Dan sabiex ikun hemm access ghall-istess kuntrattur biex minn zmien ghall zmien jghamel ix-xoghol ta' manutenzjoni kif ikun mehtieg.

**Karozzini fil-pjazza ta' Bugibba.**
Il-Kunsill ta' San Pawl il-Bahar qabel b'mod unanimu li tinkiteb ittra lill TM biex iz-zwiemel tal-karozzini ma' jigux allokati fil-pjazza peress lid an huwa post prominent u l-istess zwiemel m'ghandhomx il-facilitajiet tal-ilma u dranagg biex jinzammu fi stat tajjeb. Kien hemm il-qbil ukoll li dawn jigu allokati n-naha tal-aquarium, il-fuq minn ta' Fraben. Is-segretarju ghandu jikteb lil Onor. Roderick Galdes.

**Korrispondenza**
Aggornament tax-xogholijiet tal-Kunsilliera

**Jason Camilleri,**
Fun Train – huwa qal li bhala kunsill inghatajna permess minn TM biex jitla quddiem fi Triq it-Turisti. Ghaldaqstant il-Fun Train jista' jiqaf biex jghabbi n-nies mill-pjazza. Huwa kompla jghid li ghanda tingibel l-attenzjoni biex fil-hinijiet tal-iskola ma' jghaddix minn hemm u ghaldaqstant ghandna nibghatu ghalih u ninfurmawh b'dan.

Laqgha mall-kummissarju. Huwa kompla jghid li kellu laqgha flimkien mas-Sindku mall-kummissarju tal-Pulizija. F' din l-istess laqgha saret talba biex fil-konfini tal-kunsill issir aktar sorveljanza u jigu assenjati aktar pulizija fl-inhawi taghna, specjalment issa li r-residenti zdiedu ghall vakanzi tas-sajf.

Tizjin tal-Milied.
Il-kunsillier Jason Camilleri qal li peress li issa gew allokati it-tenders, tajjeb li laqgha ohra jigi kwantifikat l-ammont li jista' jintefaq mill-Kunsill ghall tali tizjin. Ghaldaqstant gie mitlub lis-segretarju ezekuttiv biex sal-laqgha li gejja jkun maghruf dan l-ammont.

**Jane Chircop**

Sqallija.

Il-Kunsilliera Jane Chircop qalet li l-harga li giet organizzat fi Sqallija kienet ta' success kbir tant li ga kien hemm residenti li talbu biex terga' ssir harga ohra simili. Hija kompliet tghid li kienet harga edukattiva u rringrazzjat lill-istaff li ghen fl-organizzazjoni tal-istess harga.

Dar l-Umanita.

Jane kompliet tispjega li ser tinfetah dar l-Umanita biex tghin lill minn hu fil-bzonn. Din ser tkun immexxjija bil-volontarjat u Anne Fenech qalet li ser tghin billi tghaddi xi affarijiet ghall dan il-ghan. Ser ikun hemm xi grupp ta' kantanti Russi, li b'mod volontarju u bla hlas ser jghatu l-kontribut tagghom fl-okkazjoni.

**Carmel Hili.**

Live Streaming.

Il-Kunsillier Carmel Hili qal li fil-laqgha li jmiss ghandu jigi introdott il-live streaming. Fuq dan kien hemm qbil unanimu u ghaldaqstant il-laqgha tal-Kunssill li jmiss ser jibda jsir il-live streaming ufficjalment.

L-Onorarja.

Il-kunsillier Carmel Hili talab biex tinkiteb ittra lid-dipertiment tal-Kunsill Lokali biex l-onorarja tal-Kunsilliera ma' tkunx taxxabli. Ghanda wkoll tingibed l-attenzjoni li l-istess onorarja tida tinghata kull xahar u mhux fl-ahhar tas-sitt xhur.

Parking ghar-residenti.

Carmel Hili qal li avvicinawh diversi nies fejn talbuh biex tittaffa l-problema tal-parking. Huwa ssuggerixxa li ssir laqgha mat-TM biex forsi jibda jsir xi haga fuq din il-proposta.

**Peter Abela.**

Loading u unloading bays.

Il-kunsillier Peter Abela qal li ghandu jinghata permess li loading u unloading fuq double yellow lines ghandu jkun permess- imqar temporanjament. Huwa kompla jghid li fil-laqgha tal-kumitat tal-Animal Welfare gie proponut biex issir maghrufa zona halli jkunu jistaw inizzlu l-annimali jghumu. Ghaldaqstant huwa talab biex tinkiteb ittra fuq dan.

Huwa kompla jishaq li ghandu wkoll issir talba halli l-annimali jkun permess li jidhlu fi stabbilimenti kummercjali ghax prezentament hija l-prassi ta' dawn l-istabbilimenti li jwahhlu tabelli li jipprojbixxu lin-nies milli jidhlu bil-klieb.

**Graziella Galea.**

Roundabout Doris Zarb. Il-Kunsilliera G.Galea qalet li hemm bzonn li jithawlu fjuri fir-roundabout Doris Zarb. Hija kompliet tghid li ghandhom isiru Green Wardens biex jiehdu hsieb il-hmieg tal-klieb ghax qed ikun hemm hafna abbuzi. Is-Sindku Mario Salerno qabel maggha u qal li ghalkemm m'ghandniex il-facilita tal-Green Wardens, hemm il-hsieb li fil-

laqgha li gejja jipproponi li l-kunsill iniedi servizz simili, bhal waste watchers biex jghamlu dan.

Anne Fenech.
Il-kunsilliera Anne Fenech qalet li tkellmet mal-kuntrattur tal-bini fi Triq Sant' Antnin u qalla li qed kull darba jkollu problemi biex jidhol u johrog mis-sit tal-kostruzzjoni. Ghaldaqstant huwa offra li jhallas l-eletronic bollard f' din l-istess triq, imma temporanjament hija talbet biex jitwahhlu bollards li jissakru bil-katnazz. Il-kunsill qabel li l-kuntrattur jinstalla din l-eleectronic bollard ghas-spejjes tieghu.

**Vici Sindku Alex Bezzina.**
Zebra Crossing. Il-Vici Sindku beda billi spjega li kif giet proposta li ssir iz-zebra crossing fejn il-bandli tal-Vecc ser ikollha ssir devjazzjoni tat-traffiku..

Queen Tribute band. Il-Vici Sindku Alex Bezzina spjega kif ga kienu saru kuncerti simili fil-passat , din is-sena hemm il-hsieb li jsir kuncert imtella mill Quenn Tribute Band. Dan ser isir nhar is-sibt 13 ta' Lulju u x-xoghl ser isir bil-kollaborazzjoni tal-kumitat tal-festa. Huwa talab l-approvazzjoni halli jithallsu xi spejjes relatati ma' dan l-event, bhal wardens, pulizija, sound etc. Kien hemm approvazzjoni unanima fuq dan ghax tali attivitajiet jghinu anke fil-promozzjoni tal-lokalita ta' San Pawl il-Bahar anke b'mod internazzjonali.

Ray Tabone. Il-kunsillier Ray Tabone qal li fis-simenta ghandu jsir xi forma ta' barrier biex karozzi ma' jibqghux nizlin kwazi sa hdejn in-nies. Hawn qed isir abbuz sfrenat anke minn nies li ma' jkunux qed jghumu li biex jipparkjaw il-vetturi tagghom qed sahansitra jinzlu fuq is-simenta.

Huwa kompla jghid li ghandu jsir handrail biex jinbidel dak li hemm ezistenti li issa kollu sadid. Huwa kompla jghid ukoll li fuq l-istess simenta ghanda ssir kisja bil-konkos- imqar minn fejn jitilghu n-nies ghax il-konkos ittiekel, bil-konsegwenza li l-ghawwiema biex jitilaw u jinzlu jwegghu.

**Aggornament tal-laqgha.**

Il-laqgha spiccat fis-8.06pm u giet aggornata ghall nhar il-gimgha 19 ta' Lulju fil-5.30pm gewwa l-ufficju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar.

Mario Salerno
Sindku – Kunsill San Pawl il-Bahar.

Frans Chircop
Seg. Ezekuttiv.-Kunsill San Pawl il-Bahar.

Proposta mressqa illum 28ta Gunju 2013 mil Kunsillier Peter Abela f'isem is-Sotto Kumitat Animal Welfare

F'laqgha ta's-Sotto Kumitat Harsien ta' l-Animali ta'13 ta Jannar 2013 gie maqbul illi titressaq proposta quddiem il-Kunsil Lokali ta' San Pawl il-Bahar.

Jinhass il-bzonn illi sidien ta' klieb ikollhom parti mill-kosta fejn jistaw jghumu flimkien ma l-klieb taghhom. Peress illi partijiet kbar mill-kosta hi riservata bhal 'swimming zones' waqt li hafna mill-kumplament hi okkupata minn dghajjes qed jigri illi l-unika post fejn tista tnizzel il-kelb sabiex jghum ikun qalb id-dghajjes. Ghaldaqstant qed nitlob sabiex tigi immarkata parti mill-kosta bhal 'Dog swimming zone' fejn sid ta' kelb ikun liberu li jhalli l-kelb jghum bla cinga. Tabelli jindikaw iz-zona ghandhom jigu mwahhla flimkien ma recipjenti apposta ghall-hmieg ta' l-klieb.

Nixtieq ukoll l appoggi tal Kunsill, sabiex tintbghat cirkulari lir raprezentanti tas settur kummercjali, inkluzi dawk li jservu l-ikel, sabiex jiehdu in konsiderazzjoni u ma jinpedux access ghal annimali li jkunu qed jiggwidaw lil Persuni b'disabilita.

Permess ta din il proposta nixtieq ukoll nirringrazzja lil Kumitat Animal Welfare ghal inpenn taghhom, specjament lil Simon Galea li d draftja din il proposta.

Peter Abela
Kunsillier